Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 7/18

**Doris Bugeja (appellanti)**

**vs**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali (appellat)**

12 ta' Novembru, 2018.

1. **Il-każ jikkonċerna deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali li Doris Bugeja għandha tħallas lura s-somma ta' €7,401.34 indebitament imħallsa lilha f' Għajnuna għall-Mard.**

2. Permezz ta' tal-4 ta' Settembru 2017, id-Direttur Ġenerali tas-Siġurta Soċjali għarraf lil Doris Bugeja li kien irriżultalu li s-somma ta' €7,401.34 li hija kienet tħallset mid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali bħala Għajnuna għall-Mard fil-perjodu bejn il-15/09/2012 u l-15/04/2016 kien tħallas indebitament peress li kellha kapital li jeċċedi l-massimu li seta' kellha biex titħalla dak il-benefiċċju. Ġie spjegat lilha li dan il-ħlas żejjed kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 30% mill-Għajnuna Medika (SKA) jew xi benefiċċji oħra li hija tista' tirċievi mid-Dipartiment.

3. Permezz ta' ittra datata 11 ta' Settembru 2017 Doris Bugeja appellat quddiem l-Arbitru minn dik id-deċiżjoni[1]. Għalkemm ma kkontestatx id-deċiżjoni tal-appellat in kwantu ddeċieda li għandha tirrifondi s-somma ta' €7,401.34, ikkontestatha in kwantu ġie deċiż li tali ammont imħallas żejjed kellu jitnaqqas bir-rata ta' 30% mill-benefiċċji li hija tirċievi mid-Dipartiment. Spjegat illi f' April 2016 hija sfat armla, u minn tali data id-dħul fix-xahar f'benefiċċji li

[1] L-ittra tagħha waslet quddiem l-Umpire Board fit-12 ta' Settembru 2017 (Umpire No. 634/17).

tirċievi mid-Dipartiment (konsistenti f'pensjoni) hu ta' €572. Spjegat li fil-preżent qed jitnaqqsulha xi €30 fix-xahar minħabba li bi żvista sarrfet ċekk ta' żewġha wara li ġie nieqes u għalhekk hija għandha f'idejha madwar €542. Tilmenta li bit-tnaqqis bir-rata ta' <u>30%</u> kif stabbilit mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali sakemm tirrifondi s-somma kollha ta' €7,401.34, jiġi li ser jibqagħlha f' idejha biss €392. Għalhekk talbet lill-Arbitru sabiex bl-intervent tiegħu jinstab xi "*arranġament alternattiv*" u hekk hija ma ssofrix tbatija żejda "*konsegwenza ta' nuqqas ġenwin da parti tagħha"*.

4. <u>Fis-6 ta' April 2018</u> id-Direttur Ġenerali wieġeb għall-appell ta' Doris Bugeja permezz ta' ittra indirizzata lis-Segretarja tal-Arbitru[2]. Huwa spjega illi fl-14 ta' Settembru 2012 hija kienet għamlet talba f'isem żewġha Gaetano Bugeja għall-Għajnuna għal Mard u li sat-13 ta' April 2016 kienet benefiċjarja. Kompla jgħid li minn investigazzjoni li għamel d-Dipartiment kien irriżulta li hija kienet fil-pussess ta' riżorsi kapitali li l-valur tagħhom kienu jeċċedu s-somma ta' €23,300, u li kien għalhekk li fl-4 ta' Settembru 2017 infurmaha li tirrifondi l-ħlasijiet li saru in linea ta' Għajnuna għal Mard. Aċċenna għall-fatt li l-appell tagħha ma jqanqal l-ebda punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza u għalhekk għandu jiġi miċħud.

5. <u>Fid-deċiżjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2018</u>[3], l-Arbitru Dr Simon Micallef Stafrace qal li għalkemm it-talba tal-appellanti Doris Bugeja ma jqanqal l-ebda punt ta' liġi, kien hemm <u>prinċipju ta' importanza relatata mal-ekwita`</u>, u dan wasslu biex jikkonkludi li r-rata ta' **<u>30%</u>** għandha tiġi mnaqqsa bin-nofs għal **<u>15%</u>**. Huwa ħa kont tal-fatt li l-*overpayment* kien sar fuq medda ta' erba' snin, u li għalhekk id-Dipartiment dam mhux ħażin biex jieħu d-deċiżjoni fil-mertu. Huwa ddeċieda hekk:

> *"Għaldaqstant l-arbitru, filwaqt li jikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tal-4 ta' Settembru 2017, jordna li l-ħlas żejjed għandu jitnaqqas bir-rata ta' 15% u mhux bir-rata ta' 30% u dana mid-data ta' din id-deċiżjoni.*

Id-deċiżjoni tal-Arbitru (stranament) tkompli hekk:

---

[2] L-ittra tiegħu waslet quddiem l-Umpire Board fid-9 ta April 2018.
[3] Deċizjoni tal-Arbitru Nru: 175/18.

*Illi l-Appellanti kien ġie infurmat li fil-perjodu ta' bejn 13.08.2016 sa 18.08.2017 tħallas żejjed mid-Dipartiment is-somma ta' €4171.63 u li dan l-ammont kien ser jiġi mnaqqas bir-rata ta' 10% fil-ħlasijiet futuri.*

*Din id-deċiżjoni tad-DSS kienet riżultat tal-fatt illi l-appellanti permezz ta' kuntratt tat-8 ta' Jannar 2015 kien ċeda il-kumpanija fiż-żona industrijali tal-Marsa (MRA 019A) u s-sehem tiegħu finali kien introjtu ta' €75,000. B' dan l-ammont l-appellanti naturalment qabeż il-limitu preskritt skont il-liġi. L-appellanti spjega illi dan l-ammont ingħata minnu lit-tfal tiegħu billi huma jaħdmu miegħu u riedu jużawhom biex jiftħu negozju. Dwar dan pero` ma saret l-ebda prova.*

*Fid-dawl ta' dan l-arbitru jiċħad l-appell u per konsegwenza d-deċiżjoni tad-DSS qed tiġi konfermata."*

6. L-appellanti Doris Bugeja appellat mid-deċiżjoni tal-Arbitru permezz ta' rikors li ppreżentat fit-3 ta' Lulju, 2018. Hija talbet lil din il-qorti sabiex tħassar id-deċiżjoni tal-Arbitru tat-30 ta' Mejju 2018 u konsegwentement tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali datata 4 ta' Settembru 2017, taħt dawk id-direttivi li jogħġobha tagħti fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

7. **L-aggravji huma:**

- Hija tispjega li fil-perjodu bejn il-15/09/2012 u l-15/04/2016 (il-perjodu li fih id-Dipartiment ħallas total ta' €7,401.34 in linea ta' Għajnuna għal Mard, u liema benefiċċju huwa imbagħad iddeċieda li għandu jiġi rifuż minħabba "*Capital/Property exceeds*") l-unika proprjeta` li kienet tippossjedi kienet biss id-dar fejn tabita. Żiedet tgħid li barra tali proprjeta` hi u żewġha kellhom proprjeta` b' ċens temporanju, li fl-2014 kienu iddonaw lil binhom sakemm tali ċens jiskadi fl-2019. <u>Tilmenta li meta dehret quddiem l-Arbitru hija ma kinitx assistita u għalhekk ma setgħetx tispjega fid-dettall din il-lanjanza tagħha</u>, "*...tant hu hekk li l-arbitru fehem li l-ammont ma kienx qed jiġi kkontestat meta fil-fatt kien."*

- Tilmenta wkoll li hija qatt ma kienet involuta fin-negożju li irrefera għalih l-Arbitru (u cioe` rigwardanti proprjeta` fiż-żona industrijali tal-Marsa) u ssostni li qatt ma kellha xi konnessjoni ma' xi kumpanija, u għalhekk l-Arbitru ma setax jikkonkludi li kellha tiġi "*konfermata*" d-deċiżjoni tad-Direttur.

8. <u>Fil-25 ta' Lulju 2018</u> id-Direttur appellat ippreżenta t-**tweġiba tal-appell** fejn

argumenta:

- fl-ewwel lok l-appell huwa frivolu u vessatorju għaliex it-talbiet tal-appell odjern u ta' dak ippreżentat quddiem l-Arbitru fil-11 ta' Settembru 2017 ma jikkombaċux; u

- fit-tieni lok, fir-rigward tat-tieni parti tad-deċiżjoni (li jidher li kienet ibbażata fuq żball dwar fatt materjali, u cioe` fatt li kien inkontestabbilment eskluż mill-atti li kellu quddiemu l-Arbitru) l-appellanti kellha rimedju taħt l-Artikolu 110(a) tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Għaldaqstant id-Direttur appellat isostni li l-appell ta' Doris Bugeja għandu jiġi miċħud u s-sentenza relattiva għall-każ tagħha (fl-ismijiet Doris Bugeja vs Direttur Ġenerali tas-Siġurta` Soċjali) mogħtija fit-30 ta' Mejju 2018 tiġi kkonfermata. Bl-ispejjeż.

**Konsiderazzjoni:**

10. Jibda' biex jingħad li d-deċiżjoni tal-Arbitru Numru 175/18 fl-ismijiet "Doris Bugeja vs Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali" fiha **żball evidenti,** peress li minbarra l-konsiderazzjonijiet u d-deċiżjoni dwar il-każ ta' Doris Bugeja, fiha wkoll konsiderazzjonijiet u d-deċiżjoni relattivi għall-każ ta' persuna oħra.

11. Wara li l-Arbitru qies l-appell ta' Doris Bugeja fir-rigward tad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali tal-4 ta' Settembru 2017, wara li qies ir-risposta tal-istess Direttur, u wara li għamel id-debiti kunsiderazzjonijiet, huwa **laqa' l-appell tagħha.** Fil-fatt għalkemm l-Arbitru **ikkonferma** d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali in kwantu dan ordna li kellha tirrifondi s-somma ta' €7,401.34 (fatt li ma kienx jifforma l-mertu tal-appell ta' Doris Bugeja), **varjaha** in kwantu ordna li t-tnaqqis mensili mill-pensjoni tagħha għandu jsir bir-rata ta' 15% (u b'hekk, proprju kif talbet l-attriċi stess, l-Arbitru sab "*arranġament alternattiv*" għar-rata oriġinali ta' 30% stabbilit mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali.)

12. **Id-deċiżjoni tal-Arbitru għalhekk kellha tieqaf hemm, iżda fl-istess**

**deżiċjoni hemm tliet paragrafi oħra li m'għandhom x' jaqsmu xejn mal-każ tal-appellanti Doris Bugeja.**

13. Tali tliet paragrafi evidentement jirrigwardaw appell ta' bniedem ieħor minn deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali fil-konfront tiegħu, li kellu jirrifondi s-somma ta' €4,171.63 in linea ta' benefiċċju imħallsa lilu indebitament fil-perjodu bejn it-13/08/2016 u t-18/08/2017 minħabba li kien irriżulta li kien għamel introjtu ta' €75,000 minn ċessjoni ta' kumpanija fiż-żona industrijali tal-Marsa u allura kellu aktar mil-limitu preskritt mil-liġi sabiex jikkwalifika għal tali benefiċċju. Fl-aħħar paragrafu l-Arbitru iddikjara li kien qed "*jiċħad l-appell u per konsegwenza d-deċiżjoni tad-DSS qed tiġi konfermata*".

14. Id-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali stess fir-risposta tal-appell tiegħu spjega li dawn it-tlett paragrafi huma meħuda minn deċiżjoni oħra tal-istess Arbitru Dr Simon Micallef Stafrace (Numru 176/18) fir-rigward tal-każ fl-ismijiet "<u>Francis Xavier Galea vs Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali</u>" u adirittura huwa annetta kopja ta' tali deċiżjoni.

15. Għaldaqstant, minkejja l-imsemmija konfużjoni li tinsab fid-deċiżjoni tal-Arbitru, huwa ampjament evidenti li l-appell ta' Doris Bugeja fil-fatt ġie milqugħ, u li l-aħħar tliet paragrafi tad-deċiżjoni fil-fatt ma jirrigwardawx il-każ tagħha.

16. <u>**Nonostante l-fatt li l-Arbitru laqa' l-appell ta' Doris Bugeja**</u> u sab "*arranġament alternattiv*" għal dak stabbilit mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali ta' kif hija kellha tirrifondi l-ammont ta' €7,401.34, <u>**hija intavolat l-appell odjern.**</u> L-appell tagħha huwa bbażat fuq żewġ aggravji.

17. <u>**Fl-ewwel lok**</u> issostni li r-riżorsi tagħha tul il-perjodu in kwistjoni (15/09/2012 sa 15/04/2016) ma kinux jaqbżu l-limitu preskritt mil-liġi u li allura s-somma ta' €7,401.34 ma ġietx imħallsa lilha indebitament. Tilmenta li peress li dakinhar li dehret quddiem l-Arbitru ma kinitx assistita, ma ġewx spjegati ċ-

ċirkostanzi ekonomiċi tagħha u li bħala konsegwenza ta' dan "l*-Arbitru fehem li l-ammont ma kienx qed jiġi kkontestat meta fil-verita` kien*."

18. Il-qorti ma taqbilx. **L-appellanti għamlitha ċara sa mill-bidunett illi ma kinitx qegħda tikkontesta d-deċiżjoni tad-Direttur li għandha tirrifondi l-ammont ta' €7,401.34.** Tant hu hekk li fl-ittra legali tal-11 ta' Settembru 2017 talbet lill-Arbitru jintervjeni sempliċiment sabiex isib mod "*anqas sever*" ta' kif kellhom jinġabru "*l-flejjes imħallsa żejda*" lilha; biex isib "*arranġament alternattiv*" ta' kif kellu jsir il-ħlas lura, sabiex hija ma ssofrix tbatija żejda "*konsegwenza ta' nuqqas ġenwin da parti tagħha"*. Fl-ebda parti tal-ittra li biha pproponiet l-appell quddiem l-Arbitru ma kkontestat id-deċiżjoni tal-appellat li għandha tħallas lura dik is-somma. L-ilment tagħha kien li:

> *"Bil-pagamenti kif proposti fl-imsemmi dokumenti u ċioe' 30% ta' kull benefiċċju jfisser li s-Sinjura Bugeja ser jibqagħla f'idejha €392 li bl-ispejjeż rikorrenti għall-bżonnijiet kull xahar qajla wieħed jista' jimmaġina ħajja deċenti u xierqa.*
>
> *Għaldaqstant, nitlob l-intervent tiegħek sabiex jinstab xi arranġament alternattiv sabiex is-sinjura Bugeja ma ssofrix tbatija żejda konsegwenza ta' nuqqas ġenwin da parti tagħha".*

19. Ladarba ma kinitx qed tikkontesta l-ammont pretiż mid-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali iżda biss il-mod kif kellha tirrifondi tali ammont, ma kienx il-każ li jkun investigat quddiem l-Arbitru jekk il-kapital tagħha kien jeċċedi l-limitu li tistabbilixxi l-liġi għal finijiet tal-għoti tal-benefiċċju tal-mard. Għalhekk ma jreġix l-argument tagħha li bħala konsegwenza tal-fatt li ma kinitx assistita dakinhar li dehret quddiem l-Arbitru hija ma setgħetx tispjega fid-dettall iċ-ċirkostanzi ekonomiċi tagħha; u wisq anqas ma treġi l-lanjanza tagħha li bħala konsegwenza ta' dan kollu l-Arbitru fehem li l-ammont ta' €7,401.34 ma kienx qed jiġi kkontestat minnha. Mill-ittra legali datata 11 ta' Settembru 2017 li biha appellat mid-deċiżjoni tal-appellat, hu ċar li l-uniku ilment tal-appellanti kienet ir-rata li bih kellha tħallas lura s-somma ta' €7,401.34 u xejn iktar. Kien għalhekk korrett l-Arbitru li fid-deċiżjoni qal:

> *"Illi l-bażi tal-appell ma kienx dwar l-overpayment bħala tali iżda minħabba d-deċiżjoni ta' tnaqqis ta' 30% mill-għajnuna medika jew benefiċċji oħra li setgħet tirċievi l-appellanti mid-Dipartiment".*

20. Bħala qorti ta' reviżjoni din il-qorti trid tiddeċiedi dwar dak li jkun iddeċieda l-Arbitru, u mhux dwar materji li ma kinux parti mill-ilment li kellu jiddeċiedi dwaru l-Arbitru.

21. **Fit-tieni lok** tgħid li tħossha aggravata in kwantu l-Arbitru kkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur. Ovvjament qed tirreferi għal dik il-parti tad-deċiżjoni tad-Direttur fejn ġie stabbilit li kellha tirrifondi l-ammont ta' €7,401.34 u mhux dik il-parti dwar ir-rata ta' kif kellha tħallas lura tali ammont, li effettivament tnaqqset mill-Arbitru. Issa jiġi enfasizzat li l-Arbitru ikkonferma dik il-parti tad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali fejn ġie stabbilit li kellha tirrifondi l-ammont ta' €7,401.34 għas-sempliċi fatt li din ma ġietx ikkontestata mill-appellanti, u mhux għax għamel xi eżerċizzju u rriżultalu li r-riżorsi tal-appellanti kienu jeċċedu l-limitu preskritt mil-liġi. (Kif fuq spjegat, ladarba la hija qatt ma kkontestat l-ammont, ma kienx il-każ li tipprova li kellha riżorsi li ma jeċċedux il-limitu preskritt mil-liġi, u fil-fatt ma ressqet l-ebda provi f' dan ir-rigward.)

22. L-appellanti pero` issa qed tinqeda bl-aħħar tliet paragrafi tad-deċiżjoni tal-Arbitru, li kif ingħad jinsabu fid-deċiżjoni tal-każ tagħha bi żball, biex **targumenta li l-Arbitru wasal għall-konklużjoni li r-riżorsi tagħha kienu jeċċedu dak preskritt mil-liġi abbażi ta' fatti estranei għall-każ.** Fil-fatt tilmenta:

> *"Illi l-appellanti qatt ma kienet involuta f' negozju bħal dan. Hija qatt ma kellha proprjeta` fil-Marsa u lanqas qatt ma kellha xi konnessjoni ma' xi kumpanija.*
>
> *Illi għalhekk l-esponenti ma tistax tifhem kif l-Arbitru wasal għal din il-konklużjoni u ma seta' qatt b'mod raġonevoli jew legali jikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur."*

23. Hu ovvju li l-appellanti qed tipprova tieħu vantaġġ mill-fatt li l-Arbitru, bi żball, amalgama parti mid-deċiżjoni tal-każ ta' Francis Xavier Galea mad-deċiżjoni tal-każ tagħha. Hija qed tapproprja l-konsiderazzjonjiet li għamel l-Arbitru fil-każ ta' Francis Xavier Galea (li, kuntrarjament għaliha, kien ikkontesta l-

ammont li ġie mitlub jirrifondi) għall-każ tagħha sabiex b'hekk targumenta li tali konsiderazzjonijiet huma bbażati fuq fatti li fil-fatt ma jirriżultawx.[4] Dan mhuwiex korrett.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell ta' Doris Bugeja u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Arbitru Nru 175/18 fl-ismijiet "Doris Bugeja vs Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali".**

**L-ispejjeż tal-appell għandhom jitħallsu mill-istess appellanti.**

Anthony Ellul.

[4] Anke jekk dan hu b'kontradizzjoni kbira għall-ewwel aggravju tagħha, fejn qalet li l-Arbitru fehem li l-ammont ma kienx in kontestazzjoni (u allura ma kienx il-każ li għamel xi konsiderazzjonijiet fir-rigward).